# ISBAĦ MINNHA

Ta' ĠUŻI ABELA

U għażilt Lilek għax int isbaħ minnha,
u wiċċek ma jiqdiemx lanqas jindara,
wiċċek dejjem żagħżugħ u ġdid, u jiena
ridt nagħraf Lilek qabel nagħraf mara.

U għaraft Lilek u ħlejt ħsiebi fuqek
mhux għax kont nafek qabel, jew ħlomt bik,
imm' għaliex kxiftli *int* il-ġmiel ta' wiċċek
qabel ma kxiftli l-wiċċ ta' din jew dik.

W issa li ddewwaqni bdejt il-ħlewwa
ta' wiċċ il-qroll, t'għajnejn kbar kollha dija,
tbissima li tkellimni, id li tagħfasni,
ġisem mistur bis-sengħa tas-sbuħija...

issa li bdejt turini l-ġmiel ta' tfajla,
qed nara li mhuwiex ħlief dell sewdien
tal-ġmiel tiegħek bla tarf. Sirt nifhem ssa
inqabbel dawl etern ma' dell fiż-żmien.